**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 683/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**-Vs-**

**SAVIOUR MAGRO**

**Illum, 12 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **SAVIOUR MAGRO,** ta' 36 sena iben Raymond u Rita nee' Galea, imwieled il-Fgura, Malta nhar it 2 ta' Frar, 1983, residenti 276, Glorianna, Flat 8, Triq D'Argens, Gżira, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0221183M tressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar l-10 ta' Novembru 2019 għal ħabta ta' bejn is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u id-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs) ġewwa San Ġwann:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-minorenni Niro Spagnol f'periklu ċar iżda bil-ħsieb li jikkommetti ġrieħi ta' natura gravi jew jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-minorenni **Niro Spagnol**, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt. Liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

2. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Niro Spagnol biża' li se tintuża vjolenza kontra tiegħu jew kontra il-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu;

3. Inġurja jew hedded lill-Niro Spagnol, jew jekk kien ipprovokat ħareġ il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Kif ukoll talli fl-istess data għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (22:00hrs) u l-ħinijiet ta' qabel ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan, quddiem l-għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan:

4. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil Paul Spagnol u Niro Spagnol, b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalihom;

5. Bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lil Paul Spagnol u Niro Spagnol biża' li se tintuża vjolenza kontra tagħhom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tagħhom.

6. Inġurja jew hedded lill-**Paul Spagnol** u **Niro Spagnol**, jew jekk kien ipprovokat ħareġ il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

7. Ġarr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Paul Spagnol (ID 0224267M) u Niro Spagnol (ID 0048905L), jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati għall-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-4 ta’ Ottubru 2021fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 251 B(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 339(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 251 B(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 6 u 51 (7) tal-Att Dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 383, 384, 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru 2021 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi s-segwenti: fl-10 ta' Novembru 2019 l-imputat mar l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan flimkien ma' ibnu Leon Magro, li huwa minorenni, fejn b'mod aġitat[1] talab li jiġi arrestat Paul Spagnol għaliex kien ħebb għall-istess ibnu ġewwa San Ġwann: dak il-ħin l-imputat ingħata struzzjonijiet biex jikseb ċertifikat mediku tal-ġrieħi li allegatament sofra ibnu u telaq mill-Għassa. Għall-ħabta tad-9.00 p.m. huwa mar l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan flimkien ma' ibnu biex jagħmel rapport formali fil-konfront ta' Paul Spagnol iżda fuq talba tal-uffiċjal tal-Pulizija li rċieva r-rapport[2], l-imputat reġa' telaq bil-vettura biex iġib wieħed mill-persuni li kienu xhud ta' din l-aggressjoni, ċertu Matthew Zammit, biex jagħti l-verżjoni tiegħu. Intant, sakemm l-imputat mar biex iwassal dan ix-xhud l-Għassa, ġie fl-istess Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, Paul Spagnol flimkien ma' ibnu Niro Spagnol u billi dak il-ħin kien qed jagħti l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija Leon Magro, huma ngħataw struzzjonijiet biex jistennew barra. Għalhekk, huma ħarġu barra fil-parapett meta f'waqt u l-ħin wasal l-imputat, ħareġ mill-vettura tiegħu b'sikkina f'idejh u ħareġ ukoll martell u beda jindirizza lil Paul Spagnol li ser ipattihielu. Huwa ġie mwaqqaf

[1] Ara xhieda ta' PC744 Joseph Bajada, 18 ta' Frar 2020.
[2] Ara xhieda ta' PS 156 Ian Attard, 3 ta' Diċembru 2019.

fil-pront minn PS 156 Ivan Attard, li qabeż mill-parapett, żamm lill-imputat u ħadlu s-sikkina u l-martell minn idejh.

Il-Prosekuzzjoni ssostni wkoll illi ftit ta' ħin qabel, meta l-imputat kien għaddej bil-vettura tiegħu fi triqtu lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan flimkien ma' ibnu Leon Magro, u dan wara li kien sab l-Għassa San Ġwann magħluq, huwa kien lemaħ lil Niro Spagnol, bin Paul Spagnol, fuq il-bankina quddiem il-Knisja ġewwa Naxxar Road. Hawnhekk qed jiġi allegat li l-imputat waqqaf il-vettura tiegħu, beda jgħajjat lil Niro Spagnol u fil-pront kiser u saq bil-vettura fid-direzzjoni tiegħu. Il-Prosekuzzjoni ssostni li kieku Niro Spagnol ma qabiżx il-ħajt taz-zuntier tal-Knisja, kien jintlaqat bil-vettura tal-imputat u għaldaqstant xliet lill-imputat bir-reat ta' attentat ta' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Niro Spagnol kif ukoll bir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

L-imputat irrilaxxa stqarrija matul l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija kif ukoll xehed quddiem il-Qorti fejn ikkonferma bil-ġurament il-verżjoni fl-istqarrija tiegħu u xehed f'iktar dettall dwar il-fatti tal-każ[3]. Huwa ddikjara li ibnu Leon Magro kien ġie aggredit u kien qed jiġi mhedded minn Niro Spagnol, it-tifel ta' Paul Spagnol li jiġi zijuh. Imbagħad fl-10 ta' Novembru 2019 it-tifel ċempillu u qalli li kien ġie aggredit minn Paul Spagnol innifsu, li heddu wkoll li ser joqtlu. Huwa dlonk mar jiġbor it-tifel u ħadu l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġwann fejn hemmhekk bagħtuh il-klinika biex jagħmel ċertifikat tal-ġrieħi li kellu ibnu. Iżda meta mar lura l-Għassa din kienet magħluqa u baqa' sejjer l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fejn huwa u nieżel bil-karozza minn Naxxar Road, San Ġwann, direzzjoni lejn San Ġiljan, lemaħ lil Niro Spagnol in-naħa l-oħra tat-triq quddiem iz-zuntier tal-Knisja flimkien ma' żewġ persuni oħra ftit iktar 'il fuq minnu. Hu waqaf fin-nofs tat-triq fejn bejniethom kien hemm *central strip* u wisgħa ta' xi żewġ karozzi u minn ġol-vettura tiegħu, l-imputat qallu "*ddejjaqt għidtlu jien ħa mmur nagħmel rapport għax ma niflaħx iżjed. Għidtlu dawn il-kummiedji żejda għalija*". Huwa nnega li pprova jsuq għal fuq Niro Spagnol

[3] Xhieda tal-imputat, 27 ta' April 2022.

u li tela' bankina bil-vettura tiegħu u sostna li lanqas seta' jagħmel dan peress li kien hemm is-*central strip* jifrdhom u l-bankina hija għolja wisq biex titla' fuqha bil-karozza mingħajr ma tagħmel ħsara. Minn hemmhekk, hu baqa' nieżel lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan biex jirrapporta li ibnu kien ġie aggredit iżda fuq struzzjonijiet tal-Pulizija li kien qed jirċievi r-rapport, telaq biex iniżżel miegħu wieħed mix-xhieda li ra lil ibnu jiġi aggredit minn Paul Spagnol, ċertu Matthew Zammit. Kif reġa' wasal l-Għassa flimkien ma' Matthew Zammit, ra li kien hemm Niro Spagnol u Paul Spagnol barra l-Għassa fil-parapett u mingħajr ma għamel xejn biex jikkonfrontahom, Paul Spagnol dar lejh u beda joffendih, jheddu u jirrikattah u qallu "*issa nfittxek*". L-imputat xehed li huwa kien aġitat ħafna dak il-ħin u bl-eċitament li kellu fuqu, fetaħ il-bagoll tal-karozza tiegħu u qabad l-ewwel żewġ affarijiet li ġew f'idejh li dak il-ħin mil-kaxxa tal-għodda li kellu u dan biex ibeżżagħhom. Dak il-ħin ma kienx jafx li kien qabad martell u sikkina. Hu spjega li kien inkwetat ħafna dak il-ħin għaliex kien hemm it-tifel tiegħu viċin tagħhom u beża' li Paul Spagnol u ibnu kienu ser jerġgħu jaqbdu jsawtuh. Innega li resaq lejn Paul Spagnol u Niro Spagnol bl-imsemmija strumenti f'idejh u fl-istqarrija tiegħu sostna li hekk kif il-Pulizija qallu biex jitlaq kollox minn idejh, huwa niżżel kollox fl-art minnufih. L-imputat fisser li għamel dak li għamel "*bħala missier m'għamiltux b'intenzjoni li nweġġa' lil ħadd ... jien għamiltu biex inbeżża*"[4].

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-minuri Niro Spagnol f'perikolu ċar, ikkommetta attentat ta' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Niro Spagnol fl-10 ta' Novembru 2019 ġewwa San Ġwann, meta l-imputat lemħu quddiem iz-zuntier tal-knisja u pprova jsuq għal fuqu. L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-Artikolu 216(1)(a) tal-Kap. 9[5].

---

[4] Xhieda ta' Saviour Magro, 27 ta' April 2022, fol. 263.

[5] Art. 216.(1):- *L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin -(a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja; jew(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi*

Fir-rigward, Paul Spagnol xehed[6] illi dakinhar ċempillu t-tifel Niro u qallu li kien mar għalih Saviour Magro u hu mar jiġbru minn fejn il-knisja ta' San Ġwann fejn kien ma' tnejn minn sħabu. Niro Spagnol[7], min-naħa tiegħu, spjega illi huwa kien qiegħed fi stabbiliment bl-isem Downtown ġewwa San Ġwann ma' missieru u ma' żewġt iħbieb tiegħu meta kien hemm konfront bejn missieru u Leon Magro. Meta telaq minn fuq il-post, hu mar jixtri flimkien ma' sħabu, Shelson Gatt u Ruslan Borg u meta kienu għaddejjin fuq il-bankina quddiem il-Knisja ta' San Ġwann, waqaf Saviour Magro bil-karozza fuq in-naħa l-oħra tat-triq u minn ġol-karozza beda jgħajjat "*Għid lil missierek li qed infittxu, ċempillu...*" Fil-karozza kien hemm ukoll ibnu Leon Magro. Niro Spagnol xehed illi hekk kif huwa beda jċempel lil missieru, ra lill-imputat jirriversja, jitfa' l-karozza fuq 'drive', jikser kollox lejn il-bankina u jsuq bis-saħħa għal fuqhom, iżda ma laqathomx għaliex kif rawh ġej għal fuqhom huma lkoll qabżu wara ċ-ċint taz-zuntier tal-knisja. Ikkonferma li l-karozza tal-imputat laħqet telgħet "*ħarira żgħira*"[8] fuq il-bankina u mbagħad irriversja u telaq.

Din il-verżjoni Niro Spagnol ikkonfermaha *in toto* meta reġa' xehed f'konfront maż-żewġ sħabu li kienu preżenti meta seħħ dan l-inċident[9]. Fil-waqt li Shelson Gatt[10] ma setax jeskludi li dan l-inċident seħħ, huwa ma ftakar xejn dwaru u l-Qorti ma tqisx li l-verżjoni ta' dan ix-xhud hija waħda kredibbli u għalhekk m'hijiex sejra tagħtiha piż. Min-naħa tiegħu, Ruslan Borg, għalkemm ukoll kien evidentement retiċenti biex jgħid x'kien effettivament ġara fit-triq quddiem il-knisja ta' San Ġwann, wara li ġie magħfus u mwissi ripetutament mill-Qorti biex jixhed il-verita' ikkonferma illi huwa kien miexi fuq il-bankina fil-viċinanzi tal-Knisja u ftit 'il quddiem minnu kien hemm Niro Spagnol meta sema' ħoss ta' brake ta' karozza, ilħna jgħajjtu u ftit kommozzjoni u wara ftit, ra karozza ta' kulur skur issuq bis-saħħa minn fuq il-post. Imbagħad, meta

---

*parti tal-ġisem; jew(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ.*

[6] Xhieda tat-3 ta' Diċembru 2019.
[7] Xhieda ta' Niro Spagnol, 3 ta' Diċembru 2019.
[8] Fol. 47.
[9] Xhieda tal-20 ta' Jannar 2021.
[10] Xhieda tat-18 ta' Frar 2020 u 20 ta' Jannar 2021.

sar konfront bejnu u bejn Niro Spagnol fuq ordni tal-Qorti[11], Ruslan Borg żied jgħid li meta kien għaddej quddiem iz-zuntier tal-Knsija ma' Niro u Shelson Gatt, ra karozza għaddejja fuq in-naħa l-oħra tat-triq b'xi ħadd jgħajjat bir-rabja minn ġo fiha lejn wieħed minnhom. Xehed illi din il-karozza rriversjat ftit u raha ġejja għalihom b'veloċita' u minħabba f'hekk kellhom jaqbżu ċ-ċint.

Dan l-inċident xehed dwaru wkoll Leon Magro[12], bin l-imputat, li kkonferma li kif kien fil-karozza ma' missieru, l-imputat, sejrin lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan biex jirrapportaw lil Pawlu Spagnol, raw lil Niro Spagnol għaddej eżatt quddiem il-Knisja ta' San Ġwann. Dak il-ħin, missieru waqaf fin-nofs tal-karreġġjata u qallu biex jgħid lil missieru li sejjer jirrapportah għaliex issa ddejjaq bil-ġlied. Imbagħad baqgħu jsuqu lejn l-Għassa. Hu qal li missieru waqqaf il-karozza fin-nofs tat-triq u fl-ebda mument ma saq lejn il-bankina fejn kien hemm Niro Spagnol.

Kif rajna, l-imputat filwaqt li kkonferma li huwa minnu li huwa waqaf fin-nofs tat-triq meta lemaħ lil Niro Spagnol quddiem iz-zuntier tal-Knisja u qallu li sejjer jirrapporta lil missieru, innega li pprova jsuq għal fuq Niro Spagnol u ċaħad li saq fid-direzzjoni tiegħu u li baqa' tiela' fuq il-bankina bil-vettura. L-imputat sostna li lanqas seta' jagħmel dan peress li kien hemm is-*central strip* jifridhom u l-bankina hija għolja wisq biex titla' fuqha bil-karozza mingħajr ma tagħmel ħsara.

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi huwa paċifiku li sabiex jissussisti r-reat tal-offiża volontarja, hija meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, mogħtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

---

[11] Xhieda tal-20 ta' Jannar 2021.
[12] Xhieda tal-20 ta' Jannar 2021.

Fir-rigward, iżda, ta' tentattiv tar-reat tal-offiża volontarja li bih l-imputat qed jigi mixli fl-ewwel imputazzjoni, l-awtur Francesco Antolisei filwaqt li jirrikonoxxi illi l-ġuristi m'humiex kollha konkordi dwar jekk jistax jissussisti t-tentattiv ta' offiża gravi, jgħid hekk fir-rigward:-

*"Quanto al tentattivo, la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizzabile, non è dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt' altro che infrequente nella pratica, dell' individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregarla, senza riuscire a colpirla nel viso."*[13]

Dan l-insenjament ġie affermat u applikat mill-Qrati tagħna f'diversi sentenzi, fosthom mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubbliika ta' Malta vs Dominic Briffa**[14] fejn, b'referenza għal dak li jgħid l-Antolisei in propositu, fissret illi:-

*"Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe li jista jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew gravissima* ***purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz****."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi jikkonsegwi għalhekk, li filwaqt li fil-każ ta' offiża volontarja l-intenzjoni ġenerika sabiex wieħed jagħmel ħsara hija biżżejjed, **fil-każ tat-tentattiv tar-reat tal-offiża gravi jew gravissima, il-prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli, illi l-persuna akkużata kellha l-intenzjoni illi tikkaġuna ħsara gravi fuq il-vittma.**

---

[13] *Manuale di Diritto Penale*, Parte Speciale 1 Pagna 79 (9° edizione, 1986).
[14] [Superjuri]. Deciza fis-16 ta' Ottubru 2003.

In tema, il-Blackstone jgħid hekk:-

"*'Intention' is a word that is usually used in relation to consequences. A person clearly intends a consequence if he wants that consequence to follow from his action. This is so whether the consequence is very likely or very unlikely to result. Thus an accused who shoots at another wanting to kill him, intends to kill whether the intended victim is 2 metres away and an easy target or whether he is 200 metres away and it would have taken an exceptionally good shot to hit him. In either case, even if the accused misses, he will be liable for a crime requiring intention to kill, such as attempted murder.*"[15]

Jingħad illi reati dolużi jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta u speċifika, jew inkella l-intenzjoni pożittiva indiretta[16]. Għalkemm l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pożittiva indiretta tista' tigi deżunta miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż mill-mod kif l-aġent tar-reat iġib ruħu, **iżda, fejn dawn iċ-ċirkostanzi ma jkunux univoċi u jkun hemm id-dubju dettat mir-raguni dwar il-vera intenzjoni tal-imputat, dan id-dubju għandu jmur favur l-istess imputat**.

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat illi Niro Spagnol, l-allegat vittma tar-reat li jinsab mixli bih l-imputat fl-ewwel imputazzjoni, ma sofra l-ebda offiża ghaliex huwa ma ntlaqatx mil-vettura tal-imputat u kif rajna, l-imputat jiċħad li saq fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol biex itajru.

Għalhekk, b'applikazzjoni tal-prinċipji fuq esposti għall-każ in eżami, dak li għandu jiġi stabbilit huwa fl-ewwel lok jekk huwiex ippruvat li l-imputat tabilħaqq saqx fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol bil-vettura tiegħu u fl-affermattiv, jekk fit-twettiq ta' din

[15] Blackstone's Criminal Practice [2012].
[16] **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** – Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Jannar 2009.

il-manuvra hijiex riskontrabbli l-intenzjoni diretta jew indiretta pożittiva da parti tal-imputat li jikkaġuna xi waħda mill-konsegwenzi tal-offiża gravi skont kif imfissra fl-Artikolu 216(1)(a) tal-Kap. 9 imsemmija espressament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, fuq il-persuna ta' Niro Spagnol.  Jekk kienx hemm din l-intenzjoni jew le, hija kwistjoni ta' fatt li għandu jigi aġġudikat mill-qorti billi tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fosthom in-natura tal-istrument użat biex jitwettaq l-att u l-parti tal-ġisem li lejha kien indirizzat dak l-istrument[17].

Kif rajna, l-imputat jiċħad illi huwa kiser il-vettura tiegħu lejn il-bankina fuq in-naħa l-oħra tat-triq fejn kien jinsab Niro Spagnol u jiċħad ukoll li saq fid-direzzjoni tiegħu: isostni illi lanqas seta' jagħmel dan għaliex kien hemm is-*central strip* fin-nofs tat-triq u għalhekk ma seta' qatt jagħmel manuvra bħal dik u jaqsam għan-naħa l-oħra tat-triq.

B'referenza għar-ritratti esebiti mill-Prosekuzzjoni[18] li juru l-parti tal-bankina quddiem il-Knisja ta' San Ġwann fejn kienu jinsabu Niro Spagnol u sħabu meta ġew konfrontati mill-imputat – pożizzjoni li ġiet affermata minn Niro Spagnol innifsu u minn Ruslan Borg fix-xhieda tagħhom – il-Qorti tosserva li ma jidher l-ebda *central strip* fin-nofs tat-triq.  Huwa minnu li l-imputat jikkontendi illi huwa waqaf iktar 'il fuq fit-triq mil-lok indikat fir-ritratti u jsostni li f'dik il-parti hemm *central strip* fin-nofs tat-triq, iżda ibnu stess, Leon Magro li kien fil-vettura miegħu meta seħħ dan l-inċident, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li dak il-ħin, Niro Spagnol kien għaddej "*eżatt quddiem il-Knisja*".  Magħdud dan il-fatt illi minkejja illi huwa għażel li jixhed dwar l-eżistenza ta' *central strip* li minħabba fiha t-teżi tal-Prosekuzzjoni kellha tfalli irrimedjabbilment, l-imputat naqas milli juri sija l-lok preċiż fejn skont hu, waqaf bil-vettura biex jindirizza lil Niro Spagnol, u wkoll l-eżistenza ta' *central strip* f'dik il-parti tat-triq. Biex il-verżjoni tal-imputat fir-rigward tas-*central strip* tiġi ppruvata sal-grad tal-probabbli, u dan meta Leon Magro, Niro Spagnol u Ruslan Borg kienu inekwivoċi fl-indikazzjoni tal-lok fejn kienu meta seħħ dan l-inċident, il-Qorti ma kienet tistenna xejn inqas minn indikazzjoni konkreta mill-istess imputat fuq ritratt

[17] Ara fir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali [Inferjuri] fl-ismiijiet **Il-Pulizija vs Mariano sive Mario Camilleri**, deciza fit-8 ta' Frar 2002.
[18] Dok. JX2, JX3 u JX4, fol 182.

jew prova oħra, ta' din il-parti l-oħra mit-triq in kwistjoni b'*central strip* fin-nofs tagħha.

Kif ingħad, Niro Spagnol u Ruslan Borg it-tnejn xehdu kif l-imputat wara li waqaf fin-nofs tat-triq nieżel fid-direzzjoni ta' San Ġiljan u beda jgħajjat, irriversja ftit, kiser kollox u saq fid-direzzjoni tagħhom u kellhom jaqbżu ċ-ċint biex jevitawh. Niro Spagnol xehed ukoll illi l-karozza tal-imputat laħqet telgħet ftit fuq il-bankina filwaqt li Ruslan Borg iddikjara li ma rahiex tirfes il-bankina.

Fil-qies ta' dan kollu, u miżmum ferm ukoll li mix-xhieda jirriżulta wkoll li dak il-ħin l-imputat kien irrabjat u kien qed jgħajjat, u kien ukoll *ex admissis* fi stat ta' eċitament[19], il-Qorti ma tqisx li tista' tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tal-imputat li hu ma għamel l-ebda manuvra bil-vettura tiegħu, iżda temmen il-verżjoni ta' Niro Spagnol kif korroborat minn Ruslan Borg illi l-imputat, wara li waqaf fin-nofs tat-triq u beda jgħajjat, ġibed lejn in-naħa tal-lemin u saq fid-direzzjoni tiegħu.

Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi gie ppruvat illi l-imputat kellu l-intenzjoni diretta u speċifika illi jwettaq offiża volontarja, wisq inqas offiża ta' natura gravi li ġġib perikolu tal-ħajja jew ta' debbulizza jew difett permanenti fis-saħħa jew f'parti mill-ġisem ta' Niro Spagnol[20]. Il-*vexata quaestio* li issa għandha quddiema l-Qorti u li trid tirriżolvi hi jekk, fiċ-ċirkostanzi u bil-manuvri materjali li attwalment wettaq, l-imputat aġixxiex deliberatament bl-intenzjoni diretta u speċifika, jew bl-intenzjoni pożittiva indiretta, li **jikkaġuna offiza volontarja** fuq Niro Spagnol, liema reat iżda ma sarx minhabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu ai termini tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 indikat espressament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju. Fl-affermattiv, trid tistabbilixxi wkoll jekk il-konsegwenza tal-manuvra tiegħu, setgħetx kienet offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu taħt l-Artikolu 216(1)(a) tal-Kap. 9 jew offiża ħafifa.

[19] Stqarrija tal-imputat, fol 9, 10.
[20] Jew marda permanenti tal-moħħ.

Hawnhekk, il-Qorti tqis li huwa relevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2007 fil-kawż fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**[21]:-

"*Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland [W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978]:*

*""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[Para. 7.28, pp. 232-233.]*

… … …

---

[21] Kif citata wkoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut**, deciza 23 ta' Jannar 2009. Ara wkoll: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) fit-8 ta' Lulju 2004.

*"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. … … …*"

Il-Qorti fehmet illi t-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li bir-rejazzjoni tiegħu meta qabeż iċ-ċint taz-zuntier tal-Knisja, Niro Spagnol żgiċċa milli jiġi mtajjar mill-vettura tal-imputat li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni tiegħu u li din il-manuvra tal-vittma tikkostitwixxi l-ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-imputat ossia l-element tal-attentat tar-reat addebitat lill-imputat.

Iżda l-Qorti wara li qieset attentement ix-xhieda u l-provi relevanti, tqis illi għalkemm huwa ppruvat sodisfaċjentement illi l-imputat minn pożizzjoni wieqfa fin-nofs tat-triq, fil-pront kiser il-vettura tiegħu u saq fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol, dan l-att materjali oġġettiv fih innifsu u fl-assjem taċ-ċirkostanzi li fih ġie mwettaq, ma jikkonvinċuhiex li l-imputat kellu l-intenzjoni soġġettiva li jtajjar lil Niro Spagnol. Dan qed jingħad għaliex kieku verament l-imputat ried itajjar lil Niro Spagnol, biex jagħmel dan il-Qorti tistenna mhux biss li l-imputat ikun saq b'veloċita' fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol iżda tistenna wkoll li minħabba tabilħaqq dak is-sewqan bis-saħħa fuq distanza ta' biss ftit metri li hemm bejn in-nofs tat-triq u l-bankina[22], il-vettura tiegħu kienet tibqa' tiela' fuq il-bankina kif ukoll iżda mhux neċessarjament, tibqa' dieħla fil-ħajt li jidher ċar fir-ritratti tal-lok fejn seħħ dan l-inċident. Xi waħda minn dawn il-konsegwenzi kienet tkun inevitabbli jekk tabilħaqq l-intenzjoni tal-imputat kienet speċifikatament li jibqa' dieħel f'Niro Spagnol bil-vettura tiegħu iżda ma rnexxilux jagħmel dan minħabba l-fatt li l-vittma żgiċċa d-daqqa.

Iżda l-Qorti ma rriskontrat fil-provi l-ebda fatt oġġettiv li jistabbliixxi b'mod konklussiv li l-imputat kien intiż li jibqa' jsuq għal fuq il-vittma. Din il-manuvra fil-fehma tal-Qorti kellha tiġi akkumpanjata neċessarjament minn xi qies ta' veloċita',

---

[22] Niro Spagnol xehed li tant kienet qrib il-vettura ta' Saviour Magro li rah jitfa' l-gear fuq "*drive*", xhieda tat-3 ta' Diċembru 2019, fol. 47.

indispensabbli biex turi minimament u oġġettivament illi l-imputat kellu l-intenzjoni soġġettiva diretta li jtajjar lil Niro Spagnol bil-vettura tiegħu u jweġġgħu. Huwa minnu li Niro Spagnol, ikkorroborat minn Ruslan Borg, xehed li l-imputat meta kiser fid-direzzjoni tiegħu, saq bis-saħħa fid-direzzjoni tiegħu, iżda fl-istess waqt xehed ukoll illi hu u sħabu qabżu ċ-ċint hekk "*kif rajnieh ser jikser*"[23] u kkonferma wkoll li l-vettura tal-imputat telgħet biss "*ħarira żgħira*"[24] fuq il-bankina[25] filwaqt li Ruslan Borg ikkonferma illi ma rax il-vettura tal-imputat titla' fuq il-bankina qabel qabeż iċ-ċint[26]. Niro Spagnol ikkonferma wkoll illi l-imputat waqaf, irriversja u mbagħad telaq minn fuq il-post.

**Għall-Qorti il-fatt waħdu li skont il-vittma nnifsu, il-vettura tal-imputat bilkemm laħqet rifset il-bankina - bankina li mir-ritratti jirriżulta li hija waħda pjuttost wiesa' - mhux biss huwa inkonsistenti mal-ipotesi li l-imputat saq b'biżżejjed saħħa u veloċita' f'distanza daqshekk qasira biex seta' jikkaġuna impatt mal-vittma. Iżda jfisser ukoll neċessarjament illi l-imputat saq b'mod li rnexxilu jwaqqaf il-vettura tempestivament qabel din setgħet effettivament tmiss lill-vittma li kien fuq l-istess bankina: ħaġa li ma kienetx tkun raġjonevolment possibbli f'każ li l-imptuat laħaq dik il-veloċita' li xehed dwarha Niro Spagnol, *multo magis* meta f'distanza ta' ftit metri bejn in-nofs tat-triq u l-bankina, hija prattikament eskluża l-possibbilita' li tintlaħaq aċċellerazzjoni biżżejjed biex jiġi riskontrat sewqan b'veloċita' qawwija.**

Illi f'dan kollu il-Qorti tqis ukoll li huwa nieqes dak il-qies ta' *recklessness* fl-egħmil tal-imputat meta saq fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol, element li huwa meħtieġ biex tiffigura l-intenzjoni pożittiva indiretta fl-imputat li jtajjar lill-vittma u jikkaġunalu offiża volontarja.

---

[23] Ara fol. 53 u 54, xhieda ta' Niro Spagnol, 3 ta' Diċembru 2019.
[24] Xhieda tat-3 ta' Diċembru 2019, fol. 47.
[25] Huwa minnu li Niro Spagnol imbagħad xehed illi l-vettura tal-imputat "waqfet ftit qabel ma mess mal-ħajt" (fol. 53, kontro-eżami) iżda din l-istqarrija tikkuntrasta mad-dikjarazzjoni oriġinali tiegħu li l-vettura rifest il-bankina biss "ħarira".
[26] Xhieda 20 ta' Jannar 2021, fol. 197, 198.

Fir-rigward dan l-element partikolari, Blackstone[27] jipproponi s-segwenti formula biex jiġi determinat jekk l-aġent jistax jitqies li jkun aġixxa b'intenzjoni meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija fuq akkuża li kkaġuna ħsara kriminuża:-

*"A person acts recklessly . . . with respect to-*

*(i) a circumstance when he is aware of a risk that it exists or will exist;*

*(ii) a result when he is aware of a risk that it will occur; and it is, in the circumstances known to him, unreasonable to take the risk."*

Imbagħad jgħid ukoll:-

*"In the context of alleged criminal offences there will often be no plausible justification for running the risk (e.g., of wounding someone) and so often the foresight of any degree of risk, of the mere possibility of injury, may be sufficient. The greater the justification for running a risk, the higher the degree of foreseen risk which will be required to constitute recklessness."*[28]

Huwa minnu li dan l-element ta' *recklessness* jista' jiġi manifestat f'xi fatt oġġettiv, fosthom f'qies ta' veloċita' fis-sewqan tal-imputat iżda, kif diġa' stabbilit, kieku dan kien il-każ, il-veloċita' kienet issarraf neċessarjament f'invażjoni sostanzjali mill-vettura tal-bankina fejn kien hemm il-vittma jew addirittura impatt maċ-ċint.

Fl-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi, għall-Qorti huwa eskluż li l-imputat seta' saq b'dik il-veloċita' jew saħħa meħtieġa li fiha hija riskontrabbli ħsieb li tiġi kkaġunata ħsara lill-vittma għaliex kif rajna, il-waqfien tempestiv tal-vettura kien ikun impossibbli b'veloċita' elevata fuq distanza daqshekk qasira: il-provi juru li l-imputat waqqaf il-vettura tiegħu minn rajh **qabel** rifes il-bankina b'mod effettiv u f'kull każ, ma jirriżultax b'mod konklussiv mill-provi jekk f'din il-pożizzjoni l-vettura kienetx fil-fatt tolqot il-vittma anke kieku baqa' fejn kien u ma qabiżx iċ-ċint.

[27] Blackstone's Criminal Practice [2012], B8.3, pagna 543.
[28] *Ibid.* p. 270 (A2.4).

Dan kollu magħdud ma jagħmel xejn biex jinstawra konvinċiment f'moħħ il-Qorti illi meta l-imputat wettaq l-att estern materjali ċioe' saq fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol, għamel dan bil-ħsieb pożittiv li jtajjru u xejn inqas minn hekk. Il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar din il-materja, tqis illi fl-egħmil tal-imputat, meta saq fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol **iżda waqqaf il-vettura tiegħu mingħajr ma baqa' tiela' fuq il-bankina fejn kien jinsab il-vittma**, għalkemm dan l-aġir ma kienx ġustifikat fiċ-ċirkostanzi u fih huwa riskontrabbli wkoll ċertu grad ta' *recklessness*, ma hijiex konvinta li l-imputat aġixxa b'mod li naqas milli jikkalkula l-effetti kollha prevedibbli tal-egħmil tiegħu u m'hijiex konvinta lanqas illi fl-atti materjali li jirriżultaw mill-provi, tista' tirravviża l-estremi li jimmanifestaw ħsieb pożittiv li jiġi kkaġunat offiża volontarja fuq il-persuna ta' Niro Spagnol. **Għall-kuntrarju temmen li l-azzjonijiet tal-imputat kienu meqjusin proprju biex jikkaġunaw biża' fil-vittma li ser iweġġgħu iżda mhux offiżi ta' natura gravi u hi tal-fehma li l-intenzjoni tieghu kienet unikament illi jbeżżża'.**

Jiġi ribadit illi meta l-manuvra tal-imputat titqiegħed fl-isfond tax-xhieda tal-vittma li l-ewwel ma qal kien li l-vettura tal-imputat rifset il-bankina biss "*ħarira żgħira*"[29] u mbagħad "*irriversja u telaq*", u fin-nuqqas ta' xhieda u ċirkostanżi oġġettivi oħrajn li b'mod univoku jsawwru prova ta' intenzjoni pożittiva diretta fl-imputat li jtajjar lil Niro Spagnol bil-vettura tiegħu u jikkaġunalu offiżi ta' natura gravi, il-Qorti tqis li hemm dubju li għandu jmur favur l-imputat u li t-teżi tal-Prosekuzzjoni ma tistax titqies li hija ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Minn dan kollu jikkonsegwi li ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement illi l-att estern konsistenti fis-sewqan fid-direzzjoni tal-vittma, twettaq biex jingħata bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' offiża volontarja, wisq inqas offiża ta' natura gravi u għalhekk, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

[29] Fol. 47, xhieda ta' Niro Spagnol in eżami.

L-imputat ġie mixli fit-tieni imputazzjoni li bl-imġieba tiegħu fl-10 ta' Novembru 2019 bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. ġewwa San Ġwann, ikkaġuna lil Niro Spagnol biża' li ser tintuża vjolenza kontra tiegħu.

Huwa risaput illi wieħed mill-elementi materjali kostituttivi tar-reat taħt *inter alia* l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa kondotta da parti tal-aġent tar-reat li tammonta għal *a course of conduct.* Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "*imgieba*" f'din id-dispożizzjoni legali kif ukoll mill-kliem: "*… lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet*".

**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.) fir-rigward tar-rekwiżit ta' *a course of conduct* li jenħtieġ ukoll għall-fini tar-reat ta' fastidju (*harassement*) li jinsab regolat taħt l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali domestika:-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be ... so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[30]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[31] ġie ritenut:-

[30] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

[31] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciz 2.05.2013.

*"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

*... ... ...*

*Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn* ***agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)****."*[32] [emfasi ta' din il-Qorti]

Illi stabbilit li l-imputat aġixxa biex ibeżża' lil Niro Spagnol, il-Qorti tqis li huwa ppruvat ukoll li bil-manuvra tiegħu l-imputat effettivament irnexxielu jikkaġuna biża' fl-istess vittma li ser tintuża vjolenza kontrih. Dan qed jingħad għaliex evidentement, Niro Spagol ħass li kellu jaqbeż il-ħajt li hemm mal-bankina kif ra lill-imputat jikser u jsuq fid-direzzjoni tiegħu.

[32] Deciza 24.4.2009.

Iżda l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ta' inċident ieħor oltre għall-episodju li seħħ quddiem il-Knisja ta' San Ġwann, fejn l-imputat aġixxa b'mod li kkaġuna biża' ta' vjolenza f'Niro Spagnol u li jirrientra wkoll fil-parametri ta' lok u żmien imfissrin għall-fini tat-tieni imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni, biex jikkostitwixxi *a course of conduct* għall-fini tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

Mill-provi ma jirriżultax illi seħħ inċident ieħor bejn l-imputat u Niro Spagnol ġewwa San Ġwann u għalhekk, m'hemmx prova li l-imputat aġixxa b'kondotta ripetuta fil-parametri ta' ħin u lok indikati fiċ-Ċitazzjoni għall-fini tat-tieni imputazzjoni. Fil-fatt, l-uniku inċident ieħor fejn jirriżulta li kien hemm konfront bejn l-imputat u Niro Spagnol – mingħajr qies tal-kwistjoni jekk l-aġir tal-imputat f'dan l-inċident ieħor kienx tali li jikkaġuna biża' ta' vjolenza - huwa dak li seħħ quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan meta l-imputat ħareġ mill-vettura tiegħu b'sikkina li xejjirha fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol u missieru Paul Spagnol li kienu fil-parapett tal-Għassa. Iżda dan l-inċident, skont dak li huwa addebitat fiċ-Ċitazzjoni, seħħ għall-ħabta tal-10.00 p.m. quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan u mhux bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. ġewwa San Ġwann kif addebitat fiċ-Ċitazzjoni.

Dan ifisser għall-fini tat-tieni imputazzjoni, huwa nieqes l-element ta' kondotta ripetuta da parti tal-imputat fit-termini tal-partikolaritajiet ta' ħin u lok imsemmija fiċ-Ċitazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi madankollu, il-Qorti tosserva illi fil-ħames imputazzjoni il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat ukoll bl-istess reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, in konnessjoni mal-episodju l-ieħor li seħħ quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan. Il-Qorti tqis illi meqjusin waħedhom, dawn iż-żewġ imputazzjonijiet separati ma jreġġux għaliex kif rajna, ir-reat in diżamina ma jistax jissussisti mingħajr il-prova ta' żewġ episodji ta' imġieba da parti tal-imputat li effettivament tikkaġuna biza' ta vjolenza fis-soġġett

passiv tar-reat, liema episodji jirrientraw entrambi fil-parametri ta' ħin u lok ta' kull imputazzjoni separata. Iżda billi f'dan il-każ l-imputat ġie mixli b'dan l-istess reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 – għad illi b'mod separat - in konnessjoni **maż-żewġ episodji distinti** li seħħew fl-10 ta' Novembru 2019 sija dak li seħħ f'San Ġwann u wkoll dak li seħħ quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, il-Qorti tqis illi kumulattivament, dawn iż-żewġ episodji meħudin flimkien jgħoddu bħala prova tal-element ta' ripetizzjoni ta' imġieba meħtieġa għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat.

Għalhekk il-Qorti sejra tistħarreġ jekk l-imputat jistax jinstab ħati illi bl-imġieba tiegħu huwa kkaġuna biża' f'Niro Spagnol li sejra tintuża vjolenza kontrih fl-10 ta' Novembru 2019 bejn is-6.00 p.m. u d-9.00 p.m. ġewwa San Ġwann u quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan għall-ħabta tal-10.00 p.m. u l-ħinijiet ta' qabel, kif qed jiġi addebitat fit-tienu u l-ħames imputazzjoni fiċ-Ċitazzjoni.

Kif ġie diġa' stabbilit, l-aġir tal-imputat meta saq il-vettura tiegħu fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol ġewwa San Ġwann, mhux biss ried ibeżżża' iżda wkoll ikkaġuna effettivament biża fl-istess Niro Spagnol li sejra tintuża vjolenza fil-konfront tiegħu u dan kif xehed Niro Spagnol innifsu.

Imbagħad, fir-rigward tal-inċident li seħħ iktar tard fl-istess ġurnata quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan għall-ħabta tal-10.00 p.m., huwa ppruvat li l-imputat hedded lil Niro Spagnol u lil missieru billi xejjer sikkina fid-direzzjoni tagħhom. Iżda għalkemm il-Qorti temmen illi b'dan l-att materjali l-imputat aġixxa deliberatament biex ibeżżża', kif del resto ammetta l-imputat innifsu fl-istqarrija tiegħu, m'hijiex konvinta illi dan l-att estern effettivament ikkaġuna fl-istess Niro Spagnol biża' li ser tintuża vjolenza fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti tqis illi għall-fini ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, apparti l-element tal-imġieba ripetuta, ossia *a course of conduct* da parti tal-persuna akkużata, jeħtieġ li jiġi ppruvat li din l-imġieba effettivament qanqlet biża' jew ħolqot allarm fis-soġġett passiv tar-reat. Il-Qorti għalhekk trid tkun moralment konvinta illi tal-

element soġġettiv ta' biża' fil-vittma, ċioe' li l-vittma effettivament beżgħet għas-sigurta` personali u inkolumita` fizika tagħha minħabba din l-imġieba tal-imputat. Ghalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soġġettiva, din tista' tigi dezunta wkoll oġġettivament mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Illi l-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[33] qalet hekk:-

*"... Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatgħa: ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "**Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose**" ..."*

Għalkemm dawn il-konsiderazzjonijiet saru riferibbilment għar-reat ta' fastidju, huwam ugwalment applikabbli għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9[34].

Applikat dan għall-inċident li seħħ quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fejn l-imputat ġab sikkina mill-vettura tiegħu u ppontaha fid-direzzjoni ta' Niro Spagnol u missieru, il-Qorti ma tistax tosserva illi m'hemm xejn fix-xhieda tal-allegati vittmi li turi li din il-wirja ta' theddid da parti tal-imputat, nisslet f'Niro Spagnol xi biża' li ser tintuża vjolenza fil-konfront tiegħu jew fil-konfront ta' missieru u ċ-ċirkostanzi oġġettivi li joħorġu mill-provi ma jagħmlu xejn biex isawru prova tal-eżistenza tal-element soġġettiv ta' biża' li kif rajna, huwa meħtieġ għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat.

---

[33] Deċiża fil-21 ta' Ġunju 2007.

[34] Ara Art. 251C tal-Kap. 9.

Dan qed jingħad għaliex meta xehdu, Niro Spagnol u Paul Spagnol fl-ebda mument ma qalu li dak il-ħin huma beżgħu mill-imputat jew li l-azzjonijiet tiegħu qanqlu fihom xi sensazzjoni ta' biża', ansjeta' jew allarm li l-imputat ser juża vjolenza kontra xi wieħed minnhom: dan diversament mill-inċident li seħħ ftit qabel ġewwa San Ġwann, fejn Niro Spagnol xehed li huwa kellu jaqbeż ic-cint għaliez beża' li l-imputat kien ser isuq għal fuqu.

Fil-fatt, mill-provi jirriżulta li Niro Spagnol u missieru kienu fil-parapett tal-Għassa fejn kienu qed iħarsu fuq l-imputat li kien fit-triq u bejniethom kien hemm mhux biss il-ħames jew sitt tarġiet li wieħed irid jitla' biex jasal għall-parapett tal-Għassa iżda wkoll presenza ta' uffiċjali tal-Pulizija. L-imputat xehed li kif rah ħiereġ mill-vettura, Paul Spagnol beda jgħajjat u joffendih kif ukoll jheddu[35]. Magħdud dan il-fatt illi mill-provi huwa eskluż illi x'ħin waqt, l-imputat ipprova javviċinahom meta kellu s-sikkina f'idejh u PS 156 Ivan Attard fix-xhieda tiegħu[36] kkonferma li huwa laħaq lill-imputat meta kien għadu maġenb il-vettura tiegħu. Dan l-istess xhud fisser ukoll li l-imputat beda jindirizza lil Paul Spagnol u mhux lil ibnu Niro Spagnol. Inoltre, jekk effettivament l-imputat indirizza lil Niro Spagnol b'xi kliem dak il-ħin meta kellu s-sikkina f'idu, tant ma kienx qed jgħajjat illi la Niro Spagnol u lanqas missieru ma rnexxielhom jisimgħu x'kien qed jgħidilhom. Fir-rigward, Niro Spagnol xehed li l-imputat « *jgħajjat ma tantx. Qisu normali* » filwaqt li Matthew Zammit xehed illi l-imputat u Paul Spagnol bdew "*jisfidaw lil xulxin għall-ġlied*"[37].

Fuq kollox, PS 156 Ivan Attard xehed illi l-imputat ma għamel xejn bis-sikkina għaliex huwa niżel minnufih u laħaq lill-imputat meta kien għadu mal-karozza tiegħu u qabad is-sikkina li kellu f'idejh u arrestah mill-ewwel: « *ma tajtux ċans … inżilt u ħadthielu jiena* ». Min-naħa tiegħu, Paul Spagnol ikkonferma illi l-Pulizija li kien hemm dak il-ħin « *qabżu fuqu mal-ewwel* » u « *kien hemm ħafna Pulizija barra* ».

---

[35] Xhieda tas-27 ta' April 2022.
[36] Xhieda tat-3 ta' Diċembru 2019.
[37] Xhieda tal-20 ta' Jannar 2021.

F’dan il-kwadru ta’ fatti il-Qorti m’hijiex konvinta illi l-imġieba tal-imputat kienet tal-kalibru li effettivament ikkaġuna biża’ f’Niro Spagnol (jew f’Paul Spagnol) u konsegwentement, dan l-inċident ma jiswix bħala prova ta’ imġieba da parti tal-imputat li qanqal biża’ ta’ vjolenza f’xi waħda mill-imsemmija persuni. Għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet illi l-allegati vittmu, li xehdu b’xeħta ferm passiva fir-rigward ta’ dan l-inċident, kienu moħħhom mistrieħ bil-fatt li kienu siguri fil-parapett tal-Għassa tal-Pulizija fejn kien hemm prezenza qawwija ta’ Pulizija (Paul Spagnol xehed illi “*kien hemm xi ħmistax (15)-il Pulizija...*”[38]) tant illi PS 156 minnufih irnexxielu jneħħi s-sikkina minn idejh.

Għaldaqstant, billi hija nieqsa l-prova tal-element soġġettiv ta’ biża’ fil-vittma kif ukoll ta’ ċirkostanzi oġġettivi li fil-kumpless tagħhom isawwru l-istat ta’ emozzjoni soġġettiva li huwa element kostituttiv tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghat-tieni imputazzjoni u lanqas ħtija għall-ħames imputazzjoni fir-rigward ta’ Niro Spagnol.

Ikkunsidrat ;

Illi in kwantu għar-reat addebitat fil-ħames imputazzjoni safejn jikkonċerna lil Paul Spagnol – mingħajr qies tal-kunsiderazzjonijiet appena magħmulin fir-rigward tan-nuqqas ta’ prova tal-element tal-biża’ fis-soġġett passiv tar-reat, f’dan il-każ, Paul Spagnol - il-Prosekuzzjoni ressqet prova ta’ inċident wieħed biss li seħħ bejn l-imputat u Paul Spagnol, ċioe’ l-inċident li seħħ quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta’ San Ġiljan fl-10 ta’ Novembru 2019 meta l-imputat qabad sikkina u xejjirha fid-direzzjoni ta’ Paul Spagnol.

Kif stabbilit, għas-sejbien ta’ ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, prova ta’ inċident wieħed fejn l-imputat ikun aġixxa b’mod li ġiegħel lis-soġġett passiv tar-reat jibża’ li ser tintuża vjolenza kontriha, ma jammontax għal *a course of conduct* u mhux biżżejjed għall-fini ta’ ħtija, għaliex dak li huwa meħtieġ huwa **prova ta’ kondotta**

[38] Fol. 42.

**ripetuta jew il-konkorrenza ta' iktar minn episodju wieħed fejn tiġi manifestata din il-kondotta, li jiffiguraw fil-parametri temporali u fil-partikolaritajiet oħrajn indikati fiċ-Ċitazzjoni għall-fini ta' dik l-imputazzjoni partikolari**.

Huwa minnu li hu rikonoxxut ukoll fil-ġurisprudenza[39] illi jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum fejn tiġi riskontrata imġieba li tiswa għall-fini tal-Artikolu 251B, u għalhekk tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat anke f'każ li jiġi ppruvat li kien hemm *a course of conduct* f'ġurnata waħda biss. Madanakollu fil-kaz in diżamina, filwaqt li l-ħames imputazzjoni ġiet imfassla b'mod li l-imputat aġixxa b'*a course of conduct* fil-konfront ta' Paul Spagnol quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fl-10.00 p.m. u l-ħinijiet ta' qabel, ma nġabitx prova li l-imputat aġixxa b'kondotta ripetuta quddiem l-istess Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fejn ikkaġuna f'Paul Spagnol biża' li ser tintuża vjolenza fil-konfront tiegħu. Kwindi m'hemmx il-prova ta' *a course of conduct* li jiffigura fil-partikolaritajiet ta' lok indikati għall-fini tal-ħames imputazzjoni u li huwa meħtieġ għal sejbien ta' ħtija għar-reat ipotetizzat fl-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

Għandu jingħad illi l-imputat ma ġiex mixli bir-reat ta' vjolenza kontra l-privat taħt l-Artikolu 251(3) tal-Kap. 9, li jqis bħala ħati ta' reat kull min jikkawża lil ħaddieħor biża li se tintuża vjolenza *inter alia* kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu. Għall-fini ta' ħtija għar-reat taħt dan l-Artikolu, il-prova ta' inċident wieħed fejn il-kondotta tas-soġġett passiv inissel fil-vittma biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra xi waħda mill-persuni msemmija fl-Artikolu 251(3), u fil-fatt l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika biss ir-reat taħt l-Artiklu 251B tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, billi l-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova dwar xi inċident ieħor fejn l-imġieba tal-imputat seta' nissel biża' fi Paul Spagnol li ser juża vjolenza kontrih jew kontra l-persuni l-oħra msemmija l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, wisq inqas dwar xi inċident ieħor li seħħ fl-istess lok u fl-istess ħin ċioe' quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta'

[39] Ara **Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, Qorti tal-Appell Kriminali.

San Ġiljan fl-10.00 p.m. fl-10 ta' Novembru 2019, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni lanqas safejn din tikkonċerna lil Paul Spagnol.

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm mill-provi jirriżulta li meta wasal quddiem l-Għassa ta' San Ġiljan l-imputat ħareġ mill-vettura tiegħu, qabad sikkina f'idejh u ġab ukoll martell minn ġol-vettura u beda jindirizza lil Paul Spagnol u Niro Spagnol li kienu fil-parapett tal-Għassa u hedded ukoll lill-istess Paul Spagnol li kien ser ipattihielu u li l-kwistjoni ma kienx ser tieqaf hemmhekk[40], kif rajna, dan l-inċident ġara f'San Ġiljan u mhux ġewwa San Ġwann u baqgħet ma ntalbet l-ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni biex l-akkuża tiġi tirrifletti r-riżultanzi tax-xhieda fir-rigward tal-lok fejn allegatament ġie kommess ir-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Inoltre, m'huwiex ippruvat sodisfaċjentement li l-imputat kien qed jhedded ukoll lil Niro Spagnol għaliex **mix-xhieda ta' PS 156 Ivan Attard jirriżulta li dan it-theddid kien indirizzat lil Paul Spagnol u mhux ukoll lil ibnu**. Għaldaqstant, ma tistax tinstab ħtija fl-imputat li wettaq ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Niro Spagnol, kif addebitat fit-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll għall-ħabta tal-10.00 p.m. ġewwa San Ġiljan fl-10 ta' Novembru 2019 hedded lil Paul Spagnol u lil Niro Spagnol b'oġġett iebes jew qabad xi arma biex iħebb għalihom, kif maħsub fl-Artiklu 339(1)(b) tal-Kap. 9. Mix-xhieda ta' PS 156 Ivan Attard, Paul Spagnol u Niro Spagnol huwa stabbilit li l-imputat ħareġ mill-vettura tiegħu b'sikkina f'idejh u ġab ukoll minn ġol-istess vettura, martell. PS 156 Ivan Attard xehed ukoll illi bis-sikkina f'idejh "*beda jindirizza lil Paul Spagnol li kien se ipattiheilu u li ma kienetx ser tieqaf hemm*". Huwa minnu li meta ġara dan kollu Paul Spagnol u Niro Spagnol kienu fil-parapett tal-Għassa tal-Pulizija filwaqt li l-imputat kien fit-triq quddiem l-Għassa u fl-ebda mument ma rifes it-taraġ

[40] Ara xhieda PS 156 Ivan Attard.

tal-Għassa jew irnexxilu jħebb għalihom bl-arma f'idejh, iżda għall-Qorti fl-azzjonijiet komplessivi tal-imputat tirravviża xejn inqas mill-egħmil prospettat mill-Artikolu 339(1)(b) għaliex hu ovvju miċ-ċirkostanzi oġġettivi li l-imputat qabad dawn l-armi proprju biex iħebb għalihom u mhux meħtieġ għar-reita' li jiġi ppruvat li huwa effettivament ħebb għall-vittma.

Tirravviża wkoll fil-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni fir-rigward, it-theddid maħsub għall-fini tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Paul Spagnol u Niro Spagnol. Anke jekk l-imputat kien qed jiġi provokat minn Paul Spagnol dak il-ħin[41], il-wirja ta' armi bla dubju teċċedi l-limiti ta' kull provokazzjoni li seta' rriskontra fiċ-ċirkostanzi.

Ikkunsidrat;

Il-Prosekuzzjoni tikkontendi li l-imputat waqt li kien quddiem l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fl-10 ta' Novembru 2019, kellu fil-pussess tiegħu sikkina jew strument ieħor li jaqta' jew bil-ponta, liema sikkina huwa ħareġ mill-vettura tiegħu biha f'idu u xejjirha lejn Niro Spagnol u Paul Spagnol. Din is-sikkina nġabret mix-xena tar-reat minn PS 156 Ivan Attard[42] u ġiet esebita materjalment fl-atti proċesswali (Dok. JX1). Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll il-prova li l-imputat ma għandux liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija biex iġorr fuqu l-ebda arma[43].

Il-Qorti tqis illi biex l-imputat jinstab tar-reat taħt l-Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 480) irid jirriżulta mill-provi illi s-sikkina li ġiet elevata mill-pussess tiegħu, jgħoddu ghaliha d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Kap. 480 u mhux dawk tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-istess Kap. 480. Dan ghaliex l-Artikolu 7 tal-Kap. 480 jeskludi mill-applikazzjoni tal-Artikolu precedenti, *inter alia*, sikkina jew mus li jkollu xafra li tohrog mhux iktar minn tmien centimentri mill-maqbad u li jista'

[41] Ara xhieda tal-imputat.
[42] Xhieda ta' PS 156 Ivan Attard
[43] Xhieda ta' WPC352 Geraldine Urry Sant, 18 ta' Frar 2020.

raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus.

Jingħad minnufih li l-imputat ma ressaqx prova konvinċenti li huwa kellu bżonn iġorr fuqu sikkina għall-iskop tax-xogħol tiegħu u f'kull każ, kif rajna, l-imputat ma kellu l-ebda arma reġistrata li dwarha kellu liċenza mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti eżaminat hija stess is-sikkina esebita fl-atti u stabbiliet illi x-xafra fiha erbatax-il ċentimetru u għalhekk l-imputat sejjer jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni r-retroxxena tal-episodju li fih l-imputat ikkommetta r-reati li tagħhom qed jinstab ħati u l-fatt illi l-imputat kien motivat sa ċertu punt, mill-aggressjoni li kien għadu kif appena ġarrab ibnu li huwa minorenni u l-fatt illi teżisti konkorrenza formali bejn ir-reati addebitati r-raba' u s-sitt imputazzjonijiet stante illi l-istess fatt ta lok għall-ksur ta' żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17(ċ)(d)(h), 31, 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil SAVIOUR MAGRO ħati tar-raba', is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) kif ukoll ta' ammenda ta' tmienja u ħamsin Euro (€58).**

**Għall-fini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ossia l-esebiti konsistenti f'sikkina u martell li jinsabu fl-evidence bag KA-455/2019 (Dok. JX1)**[44].

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, biex iżomm il-paċi ma' Paul Spagnol u Niro Spagnol u dan taħt penali ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), għal żmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[44] Esebiti mill-Ispettur Joseph Xerri fit-3 ta' Diċembru 2019.